MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Numru. 239/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GABRIEL MICALLEF**

**KONTRA**

**KRISTIAN ELLUL ta' 31 sena, iben Anthony u Marie nee' Borg, imwieled Tal-Pieta' nhar id-29 ta' April, 1981, residenti fil-fond Block D, Flat 37, Ta' Ganza Street, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 201981M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Kristian Ellul** li gie akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, bejn Novembru u Dicembru 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar Lm668.00 ghad-dannu ta' Stephen Gatt u tal-Bank of Valletta, u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bi hsara ta' Stephen Gatt u tal-Bank of Valletta, ghamel xi qliegh b'qerq u dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, iffalsifika f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, meta seraq Cash Link card lil Stephen Gatt, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 267 u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputat ghazel li fi stadju ta' interrogatorju, jirregistra ammissjoni, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni.

Rat li fis-seduta ta’ nhar l-20 ta’ Gunju, 2012, l-imputat rega’ kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat li sal-lum l-ammont dovut huwa ta’ Lm618.00.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Kristian Ellul** hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 183, 184, 261, 267, u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Artikolu 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta’ tminn xhur sospizi ghal sena(1), u tordna li l-istessi mputat jitqieghed taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien sena(1) mill-lum;
Timponi fuq l-imputat Ordni ta’ Restituzzjoni tas-somma, u cioe’ Lm618.11 ekwivalenti ghal €1,439.94 ndikata fi zmien sitt xhur mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------